MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 205/2012

Kawza fil-lista: 24

**AB f'isimha u ghan-nom u fl-interess tal-minuri C D u dan permezz tad-digriet tat-2 ta' Mejju 2013 u E F G**
**vs**
**Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici b'digriet tat-3 ta' Jannar 2013 gew mahtura kuraturi deputati ghall-assenti H I D u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors gurmanetat tal-atturi pprezentat fl-14 ta' Settembru 2012 li permezz tieghu ippremettew u talbu s-segwenti:-

1. “Illi l-attrici kienet mizzewga lill-konvenut H I D; illi l-esponenti ilha de facto separata minn ma' zewgha;

2. Illi minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-attur l-iehor, E F G, twieldet tarbija, il-minuri C D, li twieled fil-28 Settembru 2007;

3. Illi ghalkemm il-minuri msemmi huwa l-wild naturali tal-attur Ezzeden F G, fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija tarbija gie rregistrat il-konvenut H I D bhala l-missier naturali.

4. Illi ghalhekk jehtieg illi jsiru l-emendi necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri C D, li ghandu numru ta' iskrizzjoni 3503/2007.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddecidi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li l-minuri C D mhux il-wild naturali tal-konvenut.

2. Tiddikjara illi l-minuri C D hija fil-fatt il-wild naturali tal-attur E F G;

3. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tal-minuri imsemmi li huwa iskritt bin-numru 3503/2007 fil-kolonna fejn hemm indikat "missier it-tarbija" u li fil-present jindika "Mohammed I D" jigu inseriti l-konnotati tal-attur rikorrenti, u cioe isem u kunjom l-attur rikorrenti, il-professjoni jew sengha tieghu, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-attur rikorrenti kif ukoll isem u kunjom il-missier l-attur rikorrenti, u jekk huwiex haj jew mejjet u jekk ikun opportun f'kull att iehor relattiv u susegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati ingunti ghas-subizzjoni.”

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi u l-elenku tad-dokumenti.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Jannar 2013 li permezz tieghu nnominat kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti konvenut H I D.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku[1] li permezz taghha ssottometta:-

1. Illi preliminarjament ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha AB giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri C D skont id-dettami tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi in vena preliminari wkoll jinghad li stante l-fatt li ghaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri C, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri C, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghall-procediment tal-azzjoni odjerna;

3. Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri C, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 770 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti AB f'isimha proprju trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri C D, kellha relazzjoni extramaritali mal-attur E F G u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista

[1] Fol. 19

wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lil E F G bhala l-missier naturali tal-imsemmiha minuri C D, u dan ai termini tal-Artikoli 778 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri C D ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;

6. Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess E F G sabiex permezz ta' nota jispeciflka d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita', (3) l-eta' tieghu meta twieldet il-minuri C D, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmiha minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla C D. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid ta 'l fuq riferita C D;

7. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-minuri C D trid taghzel liema kunjom ha zzomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

8. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem H I D, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 3503 tas-sena 2007;

9. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur.

Rat l-atti kollha.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta’ Mejju 2013 l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**PROVI**

Fix-xhieda taghha l-attrici[2] spjegat illi hija kienet iccelebrat zwieg ta’ konvenjenza mal-konvenut assenti I D liema zwieg fil-fatt kien gie annullat b’sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta moghtija fl-24 ta’ Gunju 2010 fl-ismijiet “AB vs Avukat Dottor Martin Fenech et noe”. Hija spjegat li qatt ma kienet intima mal-konvenut D.

L-attrici ilha f’realzzjoni stabbli mal-attur l-iehor G ghal dawn l-ahhar seba’ snin, jghixu flimkien u jrabbu lill-minuri C D sa mit-twelid taghha fit-28 ta’ Settembru 2007.

Fix-xhieda taghha l-attrici sostniet li hija zzewget lill-attur l-iehor G fit-30 ta’ Ottubru 2010, ghalkemm ma giex prezentat certifikat taz-zwieg.

Xhed ukoll Robert Cardona[3] fejn spjega li huwa ha kampjuni, bucal swabs minn fuq l-atturi u l-minuri u flimkien ma’ Dr Marisa Cassar ghamlu t-test tad-DNA. Ix-xhud ikkonferma illi l-attur G huwa effettivament il-missier natural tal-minuri. Ix-xhud ipprezenta rapport tad-DNA rilaxxjat minn Dr Marisa Cassar fil-21 ta’ Mejju 2012[4] li jiccertifika li l-probabilita’ li l-attur u l-missier naturali tal-minuri hi ta’ 99.9997%.

---

[2] Fol. 40
[3] Fol. 35 – seduta 7 ta’ Marzu 2013
[4] Fol. 34

## Konsiderazzjonijiet

Il-provvedimenti legali li fuqhom giet imsejsa l-kawza odjerna huma s-segwenti:-

**Artikolu 77A tal-Kapitolu 16** :

*"kull min jghid li huwa l-missier naturali ta' tifel mwieled fiz-zwieg, jew il-werrieta tieghu, jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista jmexxi b'rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-mara, ir-ragel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi taghhom jekk xi hadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jigi dikjarat bhala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm–il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju mieghu u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista; wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragel taghha bhala l-missier naturali tat-tifel."*

**Artikolu 77B tal-Kapitolu 16**:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

**Artikolu 77C tal-Kapitolu 16**:-

*"F'kazijiet ta' dikjarazzjoni ta' paternita' il-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg, jew il mara skont il-kaz, jistghu jipproocedu b'kawza ghal dikjarazzjoni ta'*

*paternita jekk huma jressqu r-rikors guramentat taghhom fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel:*

*Izda l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tista' wara li jsir rikors mill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara lt tkun semghet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f'kull zmien tawtorizza lill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew lill-mara biex jibdew kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B"*

Sabiex l-azzjoni imsejsa fuq l-artikolifuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-attur tigi preceduta b'rikors generali fejn tintalab l-awtorizzazzjoni biex jigu istitwiti proceduri gudizzjarji ta' denegata paternita' u dan stante li r-rikors guramentat ma giex intavolat entro sitt xhur mit-twelid tal-minuri.

2. F'kaz li tawtorizza l-intavolar tal-kawza, jigi ntavolat rikors guramentat kontra r-ragel tal-omm u kontra l-wild taghha jew kuraturi jekk hu minorenni.

3. Trid issir il-prova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, il-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk trid issir il-prova, li jista wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragel bhala l-missier naturali tat-tifel.

4. Trid issir il-prova, li tista' tkun wkoll bi provi genetici u xjentifici li juru li l-attur huwa l-missier naturali tal-wild.

Ghalkemm ir-raba' rekwizit ma giex sodisfatt in kwantu r-ragel tal-attrici jinsab assenti minn dawn il-Gzejjer, l-ewwel tlett rekwiziti gew sodisfatti kif ser jinghad.

**Eccezzjonijiet tad-Direttur**.

L-ewwel eccezzjoni tad-Direttur li l-attrici ma kenitx ghada giet nominata kuratrici ad litem tal-minuri giet sorvolata b'digriet moghti fil-mori tal-kawza fit-2 ta' Mejju 2013 u ghalhekk il-mertu tal-eccezzjoni illum jinsab sanat.

It-tieni eccezzjoni tad-Direttur li l-atturi ma talbux l-awtorizzazzjoni tal-Qorti qabel ma istitwew il-kawza hija eccezzjoni valida in kwantu irrizulta li l-atturi ma ottemperawx mal-artikolu 77C tal-Kap 16 qabel istitwew il-kawza odjerna. Huwa evidenti li l-hsieb tal-Legislatur wara l-artikolu 77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kien sabiex tipprotegi lill-minuri milli jkollu l-istat ta' fatt tieghu attakkat b'detriment serju ghalih. Pero' b'digriet moghti fit-2 ta' Mejju 2013 inghatat l-awtorizzazzjoni ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap 16 peress li rrizulta li l-azzjoni odjerna tkun fl-ahjar interess tal-minuri.

Fit-tielet eccezzjoni tieghu id-Direttur irrefera ghall-artikolu 77D tal-Kap 16 rigwardanti t-testijiet tad-DNA. Dawn it-testijiet saru kif fuq spjegat.

Fir-raba' eccezzjoni tieghu id-Direttur irrefera ghall-artikolu 77B tal-Kap 16 fis-sens illi trid issir il-prova tar-relazzjoni extra-maritali bejn l-atturi kif ukoll provi ohra li jistghu ikunu testijiet tad-DNA, liema provi tressqu b'mod sodisfacenti.

Fil-hames eccezzjoni tieghu d-Direttur jirreferi ghall-artikolu 81 tal-Kap 16 fis-sens illi sabiex il-kawza odjerna tirnexxi jehtieg li jitresqu provi konvincenti illi l-pussess ta' stat tal-minuri ma' jaqbilx mal-att tat-twelid taghha. Effettivament gie ppruvat illi mill-jum tat-twelid taghha il-minuri kienet maghrufa bhala bint iz-zewg atturi u mhux bint il-konvenut D. Jirrizulta wkoll li l-minuri qatt ma ltaqet mal-konvenut D.

Fis-sitt eccezzjoni tieghu d-Direttur talab li l-atturi jaghtu d-dettalji personali tal-attur G, liema talba giet sodisfatta b'nota ipprezentata mill-atturi fis-7 ta' Mejju 2013[5].

[5] Fol. 41

L-ahhar tlett eccezzjonijiet fir-risposta guramentata tad-Direttur jeccepixxu illi f'kaz ta' akkoljiment tat-talbiet attrici, jehtieg li l-atturi jaghzlu l-kunjom li bih iridu li l-minuri tkun maghrufa; li l-kliem 'the said' jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tat-twelid; u li d-Direttur m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri in kwantu ma ghandu l-ebda tort ghall-akkadut.

Ikkonsidrat;

Tenut kont tal-provi kollha migjuba l-Qorti hi tal-fehma li dak rikjest mill-artikoli 77A, 77B u 77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta gie sodisfacentement ippruvat u jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi c-certifikat tat-twelid taghha ma jkunx fih finzjoni legali marbuta maz-zwieg precedenti tal-omm li eventwalment gie annullat, izda jkun jirrifletti ir-realta u cioe' li z-zewg atturi huma l-genituri tat-tifla.

**Decide.**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-konvenut Direttur kif fuq spjegat;

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri C D ma hiex il-wild naturali tal-konvenut H I D.
2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-missier natural tal-minuri hu l-attur E F G.
3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut Direttur sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid tal-minuri C D numru 3503/07 b'dan illi jigu kancellati il-konnotati kollha tal-konvenut H I D, jigu kancellati l-kliem 'the said', u minflok jigi indikat bhala missier il-minuri l-attur E F G jitnizzu l-konnotati kollha tal-attur kif indikati fin-nota tieghu a fol. 41 tal-process b'dan illi l-minuri ghandha tkun maghrufa bil-kunjom G.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------